FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EULAW)

ILLUM 1 TA' LULJU 2016

II-Pulizija

(Spettur Joseph Busttil)

vs

Joey Camilleri u Samuel Camilleri

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 469977m u 111686m rispettivament, akkuzati talli:

- f’dawn il-Gzejjer waqt li kienu fi Triq il-Marfa, Mellieha, fit-13 ta' Lulju 2013 ghal habta tad-9.00 ta' filghodu, volontarjament, hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor u cioe tlett sign prints u frames li jiswew aktar minn €116.47 izda inqas minn €1164.69 ghad-detriment ta' Joseph Buttigieg (i.d 32964G) - Art 325(1)(b) Kap 9;

Il-Qorti mitluba li f’kaz ta' htija titratta mal-imputati bhala recidivi ai terminu tal-art 49 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza ssir sommarjament;

Semghet il-Provi:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza johorgu minn rapport li kien ghamel certu Joe Buttigieg kontra l-imputati fejn kien irrapporthom li waqt li kien fuq xogholu jbiegh il-biljetti ghal Kemuna f’Triq il-Marfa, l-Ghadira, l-imputati kienu aggredewh u kienu remewlu t-tabelli u xi umbrellel ghal isfel.

Il-Pulizija kienu kelmu lill-imputat Joey CamiIleri li kien ammetta maghhom li kellu argument ma' l-imsemmi Buttigieg izda cahad li refa' idejh fuqu.

Issa, l-kawza takkuza lill-zewg imputati ta' hsara fuq sign prints u frames. Rigward tal-ewwel, riferiti bhala tabelli fl-okkorrenza tal-Pulizija (folio 10), dawn gew effettivament minnhom osservati mixhuta l' isfel. Apparti dawn it-tabelli l-ebda haga ohra ma gietx osservata.

Intant, l-akkuza tixli lill-imputati ta' hsara volontarja *'qhad-detriment ta'Joseph Buttigieg ID:32964G* (kliem testwali mill-akkuza). M'hemm ebda akkuza ohra kontra l-imputati ghajr r-recidiva f'kaz ta' kundanna f'din il-kawza.

Il-kwerelant Buttigieg xehed. Stqarr li kien l-imputat Samuel li kisser it-tabelli. Fil-kors tad-deposizzjoni tieghu ma jimmenzjona ebda 'frames' jew umbrellel. Sostna pero' li t-tabelli kienu tieghu. Esebixxa fattura intestata 'Refalo Signs', cioe' tad-ditta li ghamlet t-tabelli, indirizzata lil Mario ebsons ghal *Signs prints + frames* ghal prezz ta' €500. Issa, din tal-fattura, esebita mill-kwerelant, konfrontata max-xhieda ta' certu Angel Buttigieg (folio 35 et seq), izda mhux biss, ma taghtix kredenza lil dak li sostna l-kwerelant, ossija li t-tabelli kienu tieghu. Il-kwistjoni tat-tpartit li semma l-kwerelant, jghidha hu biss, u michuda mill-imsemmi Angel Buttigieg fil-kontro-ezami. Minn dan kollu ghalhekk ma jirrisultax li l-kwerelant sofra xi danni materjali minhabba l-ksur tat-tabelli. Anzi, jirrisulta, li t-tabelli lanqas kienu ta' proprjeta tieghu.

Fuq daqshekk ghandu jirrisulta li l-akkuza kif redatta ma treggix. Konsegwentement tillibera l-imputati minn kull htija u piena.

A.M.Trigona

Magistrat